# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu 2001.**

**Numru 16**

**Citaz. numru 528/89 FD**

**Anthony Buhagiar f'ismu proprju u ghall-Aquarius Woodworks**

**vs**

**Edward Scerri**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur proprio et nomine harrek lill-konvenut bis-segwenti att tac-citazzjoni biex dan jigi kundannat ihallsu ammont bilancjali dovut fuq appalt ta' ghamara tal-kcina esegwit fuq ordni tieghu.

> "L-attur pro et nomine ippremetta illi hu kien hadem ghamara tal-kcina fuq ordni tal-konvenut u din giet armata god-dar tal-konvenut, "Campanella", Triq il-Fies, Attard, u peress illi meta x-xoghol kien kwazi tlesta ghal kollox, u l-konvenut beda jaghmel

uzu mill-istess kcina, kif ghadu jaghmel sal-lum, beda jivvinta diversi pretesti biex ma jhallas il-bilanc tal-prezz tal-istess ghamara fl-ammont ta' sitt mija u sebgha u sittin lira Maltija (Lm667) u meta l-attur proprio et nomine offra li jirrimedja ghal xi affarijiet li talab il-konvenut u mar fuq il-post biex jaghmel dan, il-konvenut ma halliex jaghmel ix-xoghol involut ;

Premess illi s-sitwazzjoni ghalhekk saret wahda ta' stall ghax filwaqt li l-konvenut accetta l-kcina u baqa' juzaha bla ma ddepositha l-Qorti, kif kien obbligat li jaghmel, hu qed jirrifjuta li jhallas il-bilanc tal-prezz u fl-istess waqt mhux qed jippermetti lill-attur proprio et nomine jirrimedja ghal xi affarijiet zghar li lmenta minnhom il-konvenut ;

Jitlob ghalhekk l-attur proprio et nomine lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-

1. Il-konvenut jigi kkundannat li jippermetti lill-attur proprio et nomine li jispicca x-xoghol minnu ordnat u jirranga xi affarijiet zghar li lmenta minnhom l-istess konvenut, bla tfixkil ;

2. Il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' sitt mija u sebgha u sittin lira Maltija (Lm667) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' ghamara ta' kcina ordnata mill-konvenut u lilu konsenjata f'daru, flimkien ma' l-imghax legali mid-data tac-citazzjoni."

**<u>ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT</u>**

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. Preliminarjament l-intempestivita tat-talba attrici stante illi l-ghamara tal-kcina ordnata mill-eccipjent ghada mhix kollha lesta;

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut baqalu biss ihallas bilanc zghir mill-prezz kif bonarjament miftiehem bejn il-partijiet;

3. Illi fil-fatt l-ghamara tal-kcina li giet konsenjata s'issa ma gietx fabbrikata skond l-arti u s-sengha u fiha diversi difetti gravi liema difetti gew maghrufa u accettatai mill-istess attur;

4. Illi mhux minnu li l-eccipjent ostakola lill-attur milli jikkompleta l-imsemmija ghamara anzi kien l-attur illi ingustament irrifjuta li jaghmel dan nonostante diversi interpellazjonijiet kif kellu jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.”

**DECIDE**

B’sentenza tal-15 ta’ Dicembru 1998, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi “wara li tichad l-ewwel domanda kif formulata fic-citazzjoni, tilqa’ t-tieni talba limitatament biss ghal l-ammont ta’ tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm327.86) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sitt u tmenin centezmu (Lm327.86) flimkien ma’ l-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. L-ispejjez kellhom jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.”

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

“Illi s-socjeta’ attrici ppremettiet illi hija kienet hadmet ghamara ta’ kcina fuq ordinazzjoni tal-konvenut, ghal liema xoghol huwa ghamel pagamenti akkont u kien fadallu l-bilanc ta’ Lm667 u talbet li l-konvenut jigi kkundannat jippermetti lis-socjeta’ attrici tirranga xi nuqqasijiet li hemm fix-xoghol u kundannat ihallas l-ammont bilancali fuq imsemmi flimkien mal-imghax mid-data tac-citazzjoni;

Illi minn naha tieghu l-konvenut Edward Scerri eccepixxa l-intempestivita’ ta’ l-azzjoni peress illi l-ghamara tal-kcina ordnata ma kienitx lesta kollha u illi kien fadallu biss bilanc zghir mill-

prezz li kienu ftehmu l-kontendenti ; eccepixxa wkoll illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u kien fih diversi difetti;

Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti bdiet meta l-konvenut klijent privat mar izur l-istand li s-socjeta' attrici kellha gewwa fiera u l-konvenut kellu wkoll il-kejl tax-xoghol li huwa ried jaghmel fil-kcina;

Insegwitu l-attur mar fid-dar tal-konvenut biex jiehu l-qisien, ghalkemm id-dar tal-konvenut ma kienitx ghada lesta;

Illi rrizulta illi tul iz-zmien il-konvenut ghamel xi alterazzjonijiet fil-pjani li kellu originarjament ghal kcina u ghal dan, huwa stess ammetta, kellu jsir pagament apparti, b'mod li l-prezz globali kellu jizdied;

Illi l-kontendenti ma qablux fuq il-mument meta fil-fatt gie konkluz il-ftehim ta' bejniethom u l-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha, anki fid-dawl tal-kontradizzjonijiet li saru, taqbel mal-ewwel perit tekniku li l-ftehim ghandu jigi kkonsidrat bhala li gie konkluz fil-25 ta' Frar 1987 skond l-iskrittura ffirmata miz-zewg partijiet u li tinsab ezebita bhala Dokument P5;

Illi l-Qorti ma tara xejn kredibbli l-verzjoni li tal-konvenut li jikkontendi li l-ftehim kien sar precedentement;

Huwa jipprova jispjega l-firma tieghu fuq l-imsemmi dokument P5 "jiena ndunajt li l-attur ma keinx jaf jikteb.  L-attur qalli niffirma u jien iffirmajt ghalkemm naf li rcevuta jiffirmaha minn qed jircievi u mhux min qed jaghti ; u jiena hassejt li ma kellix niksru u nohorgu ta' injorant."

Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-imsemmi espert gudizzjarju fis-sens li ghandu jigi kkonsidrat li l-ftehim bejn il-kontendenti kien proprju d-dokument P5;

Il-bidliet li gew affettwati wara jiggustifikaw awment fil-prezz definittiv, u fil-fatt il-konvenut stess qabel illi kellu jkun hemm zieda fil-prezz, fi kliem l-istess konvenut "l-attur qalli li dan ser jimporta zieda fil-prezz u jien ghedtlu jekk ghandu jizdied jizdied";

Irrizulta ampjament illi l-kontendenti ma kellhom ebda ftehim dwar kemm kellha tkun iz-zieda fil-prezz ghax-xogholijiet li gew mizjuda u jidher li l-konvenut ma kienx qed jistenna li ser ikun hemm qabza daqs hekk sostanzjali, tant illi ghalkemm huwa ma kien ghamel l-ebda oggezzjoni serja dwar il-prezz, meta rcieva l-kont, mar ghand l-attur u qallu li kien sorpriz kemm kienet kbira iz-zieda u li fil-fatt ma kienx ghamel hsieb li se jonfoq daqshekk

tant illi qallu li ma kienx f'posizzjoni li jhallas l-ammont mitlub f'daqqa u qallu li kien ser ihallsu ratealment ; u qallu wkoll li anke kieku z-zieda fil-prezz kienet gustifikata huwa xorta ma kienx f'posizzjoni li jhallas immedjatament;

Waqt li jispjega r-raguni tal-kambjament fil-kondizzjonijiet tal-impjieg tieghu li minhabba f'hekk ma kienx f'posizzjoni li jhallas;

Illi l-Qorti taghti importanza lil dan il-punt peress li jidher illi ghalkemm irrizulta li kien hemm diversi difetti fix-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici, l-konvenut qomos bis-serjeta' biss meta nduna illi l-prezz kien aktar gholi minn dak li huwa kien haseb;

Illi wara li l-ewwel perit kien ikkonstata li kien hemm difetti fix-xoghol u indika wkoll li kien hemm partijiet li nhaddmu b'tip ta' injam meta kellhom jigu mahduma b'tip iehor li kien jiswa aktar flus;u ma kienx kompetenti biex jikkwantifika d-differenza relattiva u l-partijiet qablu li jigi nominat perit tekniku iehor espert f'dina l-materja;

L-ewwel perit ta wkoll l-opinjoni li l-bilanc li l-konvenut kellu jhallas lill-attur kien ta' hames mija u tlett liri Maltin u seba' centezmi (Lm503.07) waqt li t-tieni perit ddeduca wkoll is-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm175.21) minhabba d-differenza fl-injam uzat;

Illi dan it-tnaqqis huwa bbazat fuq l-opinjoni espressa mill-ewwel perit tekniku li accettat il-verzjoni konvenuta li l-kelma "Oak" kienet tfisser oak mastizz u mhux sempliciment illi jkun chipboard bil-fuljetta kulur l-oak;

Il-Qorti ezaminat ir-rizultanzi processwali u anki senjatament il-kontro-ezamijiet li saru u ma tistax ma taghmilx riferenza ghall-fatt li l-kcina illi s-socjeta' attrici kienet uriet lill-konvenut fl-istand taghha fil-fiera ma kienetx tal-oak mastizz imma l-Qorti ma ghandhiex tidhol izjed a fondo fuq dan il-punt peress illi l-konkluzjonijiet raggunti mill-periti jidher li hadu inkonsiderazzjoni anki fatturi ohra bl-iskop li possibbilment tigi stabbilita figura li tissodisfa l-ezigenzi taz-zewg kontendenti;

Il-Qorti sejra toqghod fuq il-konsiderazzjonijiet tal-periti u senjatament dak ta' l-ewwel perit tekniku u taddotta u taghmel taghha l-istess rapporti;

Ma tistax ma tiehux inkonsiderazzjoni l-fatt illi l-konvenut ha l-konsenja tal-ghamara lilu fornita u baqa' dejjem jaghmel uzu minnha u probabbilment kieku ma kienx hemm diskrepanza tant kbira bejn il-prezz li huwa kien qed jikkalkula u dak li fil-fatt

wassal ghal din il-kawza, l-bicca l-kbira tal-laljanzi kienu jigu superati u ghalhekk ma huwiex il-kaz li tigi nvokata gurisprudenza dwar xoghol li ma jkunx gie esegwit skond is-sengha u l-arti;

Jigi wkoll rilevat li l-konvenut, qabel ma sar jaf kemm ser jilhaq il-kont, ghamel diversi pagamenti akkont u whud minnhom sostanzjali anki wara illli l-kcina kienet tpoggiet fid-dar tieghu u huwa kien beda juzaha;

Illi dwar l-eccezzjoni ta' l-intempestivita', il-Qorti ma tarax li din l-eccezzjoni ghand tigi akkolta peress li ghalkemm irrizulta illi wiehed mill-ghaxar siggijiet baqa' ghand l-attur dana gie ghandu meta fil-fatt il-konvenut irritornahulu biex ikunu jistghu jsiru r-riparazjonijiet mehtiega fih;

L-attur bi skuza jew ohra insista li jzommu ghandu mhux probabbilment ghaliex ma kienx lestih imma ghaliex fehem illi l-konvenut ma kienx ser ihallsu l-bilanc dovut;

Dawn ic-cirkostanzi ma jiggustifikawx li tali eccezzjoni tigi milqugha;

Illi ghalkemm il-Qorti fl-ammont li ser jigi likwidat mhux ser tikkonsidra riparazzjonijiet ulterjuri ghax-xoghol esegwit mill-attur pero' certament sejra tikkundanna lill-istess attur jirritorna lill-konvenut is-siggu li qieghed mizmum f'idejh u li dan ghandu jigi riparat adegwatament;

Illi l-Qorti ghalhekk tifhem li ghanda tilqa' l-konkluzjonijiet taz-zewg relazzjonijiet fis-sens illi wara li taqbel mac-cifra ta' hames mija u tlett liri Maltin u seba' centezmi (Lm503.07) indikata fl-ewwel rapport taqbel ukoll illi minn din ic-cifra ghandu jigi ridott l-ammont ta' mija u hamsa u sebghin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm175.21) b'hekk il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin cetezmu (Lm327.86);

Jigi wkoll osservat illi dan l-ammont huwa pratikament in-nofs ezatt ta' l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fic-citazzjoni;

Illi dwar it-talba ghall-imghaxijiet, il-Qorti tosserva li l-ghamara in kwistjoni ilha f'idejn il-konvenut minn zmien qabel il-prezentata ta' din ic-citazzjoni ; li l-konvenut ma ghamel l-ebda depozitu anqas ta' dak l-ammont li huwa semma fin-nota tal-eccezzjonijiet bhala "il-konvenut baqalu biss ihallas bilanc zghir mill-prezz"."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza. L-attur proprio et nomine ghazel li ma jappellax anke jekk iddikjara li ma kienx jaqbel ma' l-istess sentenza u dana biex ma jkomplix jaggrava l-kap tal-ispejjez f'kawza fejn il-mertu kien pjuttost zghir. Is-sentenza appellata ghalhekk hlief sa fejn hi soggetta ghall-verifika fil-konsiderazzjoni tal-aggravji tal-konvenut appellant kellha titqies li ghaddiet in gudikat fil-konfront tal-istess attur.

Il-konvenut jissottometti illi l-ewwel Qorti naqset li taghmel il-valutazzjoni korretta tal-provi prodotti u tal-ipotesijiet tal-ligi applikabbli ghall-kaz. Fl-aggravju tieghu l-appellant jenfasizza d-difetti u n-nuqqasijiet u fix-xoghol esegwit mill-appellat riskontrati mill-Periti nominati mill-ewwel Qorti. Fatt dan inkontestat u accettat, anke jekk b'riluttanza, mill-istess appellat. Din il-Qorti allura tasal biex taqbel mal-appellant illi "mil-lat tekniku hu kien gustifikat fl-ilmenti tieghu". Dan ghaliex jirrizulta sodifacentement illi certu xoghol ma sarx konformement mal-ftehim kif ukoll kien hemm difetti fix-xoghol li immanifestaw ruhhom wara. Inoltre gie wkoll stabbilit ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-ezekuzzjoni tal-appalt kienet instabet nieqsa in kwantu l-materjal uzat fil-kostruzzjoni tal-ghamara tal-kcina ma kienitx ta' oak mastizz meta, skond l-arti u s-sengha, hekk kellha tkun kif ukoll f'dan is-sens kellu jigi nterpretat il-ftehim. Dawn il-

konsiderazzjonijiet teknici indubjament jiggustifikaw ir-riluttanza tal-appellant illi jissalda l-kont pretiz mill-attur proprio et nomine bhala li kien l-ammont bilancjali dovut ghall-prezz tal-appalt esegwit. Il-konvenut kien allura pienament gustifikat illi ma jhallasx qabel ma ssir il-verifika gudizzjarja tal-kwalita' tax-xoghol, dwar jekk dan kienx jew le skond l-arti u s-sengha, dwar jekk l-ammont pretiz ghalih mill-appellat proprio et nomine kienx wiehed gust u rejali u dwar jekk setghax jew le jigi konsiderat li l-appalt gie esigwit skond il-ftehim.

Il-Periti nominati mill-ewwel Qorti taw ragun lill-konvenut u fl-apprezzament tekniku taghhom irrakomandaw lill-ewwel Qorti xi tnaqqas kellu jsir mill-prezz pretiz mill-attur proprio et nomine biex jaghmel tajjeb ghal dawn id-difetti u nuqqasijiet. Hu notat illi l-konvenut appellant mhuwiex jikkontesta dawn ir-rizultanzi teknici, Kien qieghed anzi jaddottahom bhala l-bazi ghall-aggravju tieghu in kwantu qed isostni illi dawn kienu proprju jiggustifikaw l-eccezzjonijiet illi huwa taha. Infatti proprju ghaliex il-Periti teknici kienu stabbilew li x-xoghol kien in parte difettuz jew nieqes, l-appellant jirrabidixxi illi ma kienx korrett ghat-tieni perit gjudizzjarju, kif ukoll ghall-ewwel Qorti, illi jikkonkludu li l-eccezzjoni ta' intempestivita' tal-azzjoni ma kellhiex tigi milqugha.

F'dan l-appell allura l-konvenut jibqa' jinsisti illi l-azzjoni attrici kienet intempestiva ghaliex, skond hu, l-attur proprio et nomine ma kellux dritt li jippretendi l-pagament qabel ma jkun ezegwixxa l-appalt. L-

intempestivita' tal-azzjoni in materja ta' ezekuzzjoni tal-appalt necessarjament timporta sitwazzjoni ta' fatt fejn l-appaltatur ma jkunx esegwixxa ix-xoghol li jkun gie mqabbad jaghmel. Jekk, mill-banda l-ohra, l-kuntratt ikun gie esegwit u l-appalt estint izda min jordna x-xoghol ma jkunx bih sodisfatt ghaliex gustament kien jilmenta mill-kwalita' tal-ezekuzzjoni tal-appalt, l-eccezzjoni sollevabbli fil-konfront tal-appaltatur mill-appaltant ma kienitx dik tal-intempestivita' tal-azzjoni ghaliex il-kuntratt jkun ghadu ma giex esegwit imma ta' non adempjament tal-obbligazzjoni da parti l-appaltatur li jesegwixxi x-xoghol skond l-arti u s-sengha jew skond il-ftehim milqugh.

Fit-tieni ipotesi li jidher li hi dik applikabbli ghal kaz taht ezami, min jordna x-xoghol kellu biss l-alternattiva jew li jaccettah kif inhu u jitlob li jigi mnaqqas lilu l-valur rapprezentat minn dik il-parti tal-appalt mal ezegit – ezercizzju dan li kif inghad ghamlu l-Periti gudizzjarji nominati mill-ewwel Qorti – jew altrimenti illi jirrifjuta x-xoghol ezegwit waqt li jezigu li jigu rizarciti id-danni minnu soffert minhabba li l-inadempjenza kontrattwali tal-appaltatur. Din il-Qorti allura qed tirravviza element ta' kontradizzjoni bejn l-eccezzjoni tal-intempestivita' tal-azzjoni u l-insistenza da parti tal-konvenut illi l-ammont pretiz mill-attur proprio et nomine ma kienx kollu dovut u kellu jigi ridott, anke b'aktar minn dawk li ndikaw il-Periti gudizzjarji, proprju minhabba li fl-ezekuzzjoni tal-appalt irrizulta xoghol difettuz u materjal inodoneju. Dana fil-kostruzzjoni tal-ghamara tal-kcina illi hu bhala fatt kien accetta, beda juza u baqa' juza

ghal hafna snin. Jirrizulta allura illi l-konvenut ma uzufruwiex mill-jedd moghti lil min jaghti x-xoghol li jholl, meta jrid, il-kuntratt jekk ikollu raguni valida minghajr konsegwenza u anzi bil-jedd illi jezigi l-hlas ta' danni. Dritt dan illi ma jistax ma jfissirx a contrario senso illi jekk il-korrettent jaghzel illi jzomm ix-xoghol esegwit hu ma setax allura jippretendi li ma jhallasx ghall-valur ta' dak ix-xoghol illi jkun juzufruwixxi ruhhu minnu.

Din il-Qorti tqis allura illi kienet gusta s-sentenza appellata in kwantu din kienet permezz ta' opinjoni teknika stabbilit, taht id-diversi aspetti, x'valur kellu jinghata lix-xoghol difettuz kemm ghaliex mhux skond l-arti u s-sengha kif ukoll ghaliex gie wzat materjal inodoneju u ghaddiet biex tillikwida l-ammont dovut lill-attur proprio et nomine billi din naqqset mis-somma pretiza minnu dak l-ammont, li fil-fehma tal-Periti teknici, ma kienx dovut ghax kellu jaghmel tajjeb ghall-ezekuzzjoni hazina tal-appalt. Mhix allura korretta s-sottomissjoni tal-appellant illi l-ewwel Qorti kkunsidrat illi, una volta hu kien ha l-konsenja tal-ghamara allura dak kien ifisser li kien ikkuntenta ruhu biha u li ma kienitx hadet in konsiderazzjoni dak li kien mehtieg biex jigu riparati d-difetti u li tnaqqas din l-ispiza mill-ammont reklamat. Dan jidher li hu propriju ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti fil-limiti tal-prova ghad-disposizzjoni taghha.

Dana qed jinghad b'mod partikolari wkoll fir-rigward tat-tip tal-injam uzat fl-ezekuzzjoni tax-xoghol. Inadempjenza din li setghet taghti lok ghal

hall tal-kuntratt proprju ghaliex dan ifisser illi l-kuntratt ma kienx gie esegwit skond it-termini tal-ftehim bejn il-partijiet fir-rigward tan-natura u l-kwalita' tax-xoghol. Una volta pero' l-konvenut ghazel illi jzomm il-kcina nonostante li dan kien difett apparenti li seta' jigi mill-ewwel konstatat, konsidrat ukoll illi dan ma kienx difett illi seta' jigi rimedjat jekk mhux bir-rifjut tax-xoghol esegwit, il-Qorti certament ma kellha l-ebda triq ohra biex tirrendi gustizzja jekk mhux billi tikkumpensa lill-kommittent in linja ta' danni. Hekk jidher li ghamlet sewwa l-ewwel Qorti.

F'dan ir-rigward l-appellant jilmenta wkoll illi "di piu' anke kieku jekk kellu jigi accettat li jsir biss tnaqqis mill-prezz ghal dik l-inadempjenza (dwar it-tip ta' njam uzat) ………… dan it-tnaqqis kellu jsir fil-konfront tal-prezz globali u mhux biss tal-parti reklamata gja' la darba, kif ippreciza l-ewwel Perit "ix-xoghol kellu jifforma sett wiehed u huwa normali li x-xoghol kellu jkun uniformi fil-bicciet kollha" u mhux biss in riferenza ghall-"kitchen cupboard". "U dana apparti", zied jaggungi l-Perit Tekniku "illi anke fl-istess cupboards intuza chipboard fi gnub esterni". Wara li ezaminat ir-relazzjoni tat-tieni espert nominat mill-ewwel Qorti intiz proprju fix-xoghol ta' mastrudaxxa, din il-Qorti ma jidhriliex li l-ilment hu gustifikat in kwantu jidher illi dan l-espert fil-komputazzjoni tal-ammont li ssuggerixxa li kellu jitnaqqas ghal dan id-difett, ha in konsiderazzjoni l-aspetti kollha teknici kull fejn hemm l-ilment kien jolqot il-kcina shiha inkluz proprju l-gnub esterni tal-

cupboards. Dan waqt li zamm kont ta' l-ezigenzi tas-sengha li, f'dak it-tip ta' kostruzzjoni, certi partijiet li l-appellant ippretenda li wkoll kellhom ikunu ta' oak mastizz ma kellhom qatt isiru b'dan il-materjal "ghax li kieku sar hekk dan ma kienx ikun skond is-sengha."

L-ewwel Qorti kellha necessarjament tistrieh fuq opinjoni teknika kemm fir-rigward tac-certifikat tal-kwalita' tax-xoghol esegwit kif ukoll tal-valuri biex jigi likwidat il-quantum tax-xoghol "rimedjali". Jirrizulta anke lil din il-Qorti illi l-Periti nominati ghamlu x-xoghol taghhom bir-reqqa u precizjoni. Dan jinghad partikolarment fir-rigward tal-ewwel Perit Tekniku illi ssottometta rapport li fil-fehma ta' din il-Qorti jimmerita rikonoxximent ghal mod ezawrjenti u minizjuz li bih ittratta kull aspett tal-vertenza mill-lat tekniku. Rapport illi jaghti rizalt debitu lin-nuqqasijiet serji fl-ezekuzzjoni tal-appalt li, kif inghad, kienu anke jiggustifikaw talba ghall-hall tal-appalt u li minnu l-attur proprio et nomine ma seta' jiehu l-ebda konfort ghall-ilment bla bazi tieghu illi hu kien b'xi mod penalizzat bis-sentenza appellata. Certament ma setax isostni illi d-difetti riskontrati kienu zghar u ta' bla kont jew illi kienu tali u ma kienux jiggustifikaw lill-konvenut milli jonqos li jissodisfa l-bilanc reklamat minghajr verifika gudizzjarja.

Din il-konsiderazzjoni twassal ukoll lil din il-Qorti biex tqis illi l-ahhar aggravju tal-appellant fir-rigward tal-kundanna ghall-hlas ta' imghax li, skond is-sentenza appellata kellhom jiddekorru mid-data tan-notifika

tac-citazzjoni, kien wiehed gustifikat. L-appellat proprio et nomine jirribatti illi l-ammont mitlub kien cert u likwidu mill-ewwel u kulhadd kien jaf x'ammont preciz kien qed jintalab. Dana biex isostni illi allura avolja l-ewwel Qorti kienet akkordat biss parti mis-somma mitluba, kellhom jiddekorru l-imghax fuq dik il-parti sa mill-bidu nett anke ghaliex il-kawza hadet certu numru ta' snin biex tigi determinata. Din il-Qorti ma taqbilx illi c-certezza u l-likwidita' tal-ammont dovut kellha tirrizulta biss mill-pretensjoni preciza tal-kreditur. Ghall-kuntrarju din kellha tirrizulta minn dak li kien oggettivament dovut lilu. U jekk dak lilu dovut jirrizulta li ma kienx sostanzjalment dak li kien pretiz, tali diskrepanza kellha tiggustifika ir-riluttanza tad-debitur li jhallas u konsegwentement tiggustifika n-nuqqas ta' pagament. F'dawn ic-cirkustanzi d-debitur ma jistax jigi penalizzat ghax ma kienx f'posizzjoni li jhallas dak pretiz mill-kreditur propiju minhabba li dan tal-ahhar ikun ippretenda ammont li jirrizulta gjudizjarjament li ma kienx dovut.

Ma setghax u ma kellux allura d-debitur li f'dawn ic-cirkustanzi jigi penalizzat mid-dekors tal-imghax fuq ammont li la hu likwidu u lanqas cert u li jsir hekk likwidu u cert appena l-kreditu jigi gudizzjarjament definit. "Il-principju li ma jghaddux interessi fejn is-sejha ma tkunx wahda ghall-hlas ta' ammont likwidu, cert u determinat japplika wkoll f'sitwazzjoni fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirrizulta li tkun wahda valida b'mod li jkun car li d-debitur mhux biss ikun gustifikat li ma jhallasx dak li jkun gie intimat biex ihallas imma wkoll li jkun difficli jekk

mhux impossibbli ghalih, li jkun jaf x'inhu minnu dovut minghajr ma ssir investigazzjoni gudizzjarja fil-kawza u sakemm din issir" (William Sare nomine vs Carmel sive Charles Sammut deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 1998). Konformement ma' dan l-insenjament din il-Qorti ser tiddegreta li l-imghax kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata. Dan billi kien f'dik is-sentenza li kien gie determinat x'kien l-ammont rejalment dovut mill-konvenut lill-attur proprio et nomine u una volta kien ovvju mill-istess sentenza illi tali ammont mhux biss kien sostanzjalment inferjuri ghal dak reklamat imma wkoll ma kien jinkludi l-ebda partita fih illi fir-rigward taghha seta' jinghad li d-debitur kien qieghed f'posizzjoni li jhallasha qabel ma nghatat is-sentenza appellata ghaliex kienet certament dovuta. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk milqugh waqt li ghal bqija s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu biss limitatament ghall-kundanna ghal-hlas tal-imghax mid-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni u minflok tiddeciedi li dawn l-imghax kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u cioe' mill-15 ta' Dicembru 1998 u f'dan is-sens l-istess sentenza appellata qed tigi riformata, waqt li tigi ghall-kumplament konfermata. L-ispejjez ta' dan l-appell kellhom jigu sopportati kwantu ghal terz mill-appellat proprio et nomine u in kwantu ghal zewg terzi mill-appellant. L-ispejjez tal-prima istanza kellhom jibqghu kif gja' fis-sentenza appellata decizi.

Dep/Reg

mg